12 ta' Ottubru, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Esther Pace et. *versus* Mary Lauri et.**

**Simulazzjoni — Donazzjoni — Serviġi — Dazzjoni "in solutum".**

*Hemm żewġ speċi ta' simulazzjoni; waħda assoluta, meta l-kuntratt huwa assolutament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkonkjudu ebda obligazzjoni; l-oħra relativa, meta l-partijiet riedu jagħmlu kuntratt taħt apparenza ta' ieħor. Fis-simulazzjoni assoluta l-azzjoni tas-simulazzjoni għandha l-iskop li tiġi dikjarata l-ineżistenza assoluta ta' l-att; fis-simulazzjoni relativa l-iskop ta' l-azzjoni huwa li tiġi restitwita r-realtà ta' l-att u mneħħija l-forma apparenti tiegħu.*

*Donazzjoni li ssir bi ħlas ta' serviġi li għalih min irrendihom għandu azzjoni kontra min irċevihom ma hix ħaġ'oħra ħlief dazzjoni bi ħlas; u għal din ma humiex applikabili r-regoli partikulari tad-donazzjoni.*

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi per mezz ta' skrittura privata tas-7 ta' Diċembru 1947, Vittoria armla mill-Perit Annibale Lupi, omm l-atturi u nanna tal-konvenuta, ikkostitwiet ruħha debitriċi a favur tal-konvenuti

fis-somma ta' £345, bl-obligu li tħallas din is-somma a rikjesta tal-konvenuti bl-imgħax tat-3% fis-sena mid-data ta' l-istess skrittura, u dan bħala kumpens ta' serviġi mill-ewwel ta' Mejju 1936 il-quddiem; u billi din il-kawża hija falza, u taħt il-forma ta' kostituzzjoni ta' debitu hemm simulata donazzjoni, illi l-imsemmija Vittoria Lupi, ultra-settwaġenarja, u armla, ma setgħetx tagħmel; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talbu illi jiġi dikjarat u deċiż illi l-kostituzzjoni ta' debitu msemmija hija donazzjoni simulata, u għalhekk, konsegwentement, għar-raġuni ta' inkapaċità tad-donanti u ta' difett ta' forma, tiġi dikjarata nulla u ta' ebda effett għall-ammont eċċedenti l-£50. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li l-attriċi hija t-tifla tal-mejta Vittoria armla mill-Perit Annibale Lupi. L-attur Joseph Caruana u l-konvenuta huma t-tfal ta' Mary Caruana, oħt l-attriċi. B'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tas-7 ta' Diċembru 1947 (fol. 8), il-konvenuta ddikjarat li qabel dak in-nhar hija kienet irċeviet minn għand Vittoria Lupi s-somma ta' £132 għal serviġi reżi lill-istess Lupi minnha fil-perijodu mill-bidu ta' April 1930 sal-bidu ta 'April 1936, liema serviġi kienu jikkonsistu fl-assistenzi kontinwi bil-lejl u bin-nhar, sija bħala servjenta u sija bħala speċi ta' infermiera u ta' assistenta. Bi skrittura ta' l-istess jum u magħmula mill-istess nutar (fol. 37), l-imsemmija Vittoria Lupi kkostitwiet ruħha ċerta, vera u likwida debitriċi tal-konvenuti, li aċċettaw, fis-somma ta' £345, li hija kellha tħallas lill-konvenuti fuq sempliċi talba ta' dawn, bl-imgħax tat-3% fis-sena, dekorribili minn dak in-nhar li saret l-iskrittura, għal serviġi kif imsemmijin f'dik l-iskrittura;

Illi l-atturi jippretendu li l-kawżali ta' din l-aħħar skrittura hija falza, u taħt il-forma ta' dik il-kostituzzjoni ta' debitu hemm simulata donazzjoni, illi Vittoria Lupi dak iż-żmien ma setgħetx tagħmel, billi kellha aktar minn 70 sena (fol. 22), u għalhekk huma qegħdin jitolbu li bħala tali dik l-iskrittura għandha tiġi dikjarata nulla u ta 'ebda effett għall-ammont eċċedenti £50, tant minħabba inkapaċità tad-donanti kemm minħabba difett ta' forma;

Illi l-konvenuti *jissottomettu illi l-kostituzzjoni tad-debitu* fuq imsemmija hija vera u reali;

Ikkunsidrat;

Illi skond *id-dottrina* hemm żewġ speċi ta' *simulazzjoni*: waħda assoluta, meta l-kuntratt ikun interament fittizju u l-partijiet ma riedu *jikkuntrattaw* ebda obligazzjoni—"colorem habens, substantiam vero nullam"; u l-oħra relativa, meta l-partijiet għamlu kuntratt taħt apparenza ta' ieħor—"colorem habens, substantiam vero *alteram*" (Coen, Giurisprudenza Italiana, voce "Simulazione", para. 72);

L-azzjoni li għandha bħala bażi s-simulazzjoni assoluta għandha bħala skop *id-dikjarazzjoni ta'* l-ineżistenza assoluta ta' l-att; dik li għandha bħala bażi s-simulazzjoni relativa għandha bħala skop illi tiġi restitwita r-realtà ta' l-att u mneħħija l-forma apparenti tiegħu;

Illi huwa evidenti li f'din il-kawża l-atturi qegħdin jattakkaw l-iskrittura fuq imsemmija b'simulazzjoni relativa. Infatti huma jgħidu li Vittoria Lupi *riedet* tagħmel kuntrattazzjoni, u mhux ma tagħmel xejn, imma b'dik il-kuntrattazzjoni hija riedet fil-fatt tagħmel donazzjoni favur il-konvenuti—ħaġa li hija ma setgħetx *tagħmel billi kienet* ta' *età* superjuri għal 70 sena. Konsegwentement, u a norma tal-prinċipji fuq esposti, l-azzjoni ta' l-atturi għandha bħala skop, kif mitlub minnhom fl-att *taċ-ċitazzjoni, li tiġi restitwita r-realtà* ta' l-att u mneħħija l-forma apparenti tiegħu. Issa, jekk tirriżulta ġustifikata l-pretensjoni ta' l-atturi, u tiġi mneħħija l-forma apparenti ta' dak l-att u *tiġi restitwita r-realtà* tiegħu kif pretiża mill-atturi, din r-realtà ma tkunx ħaġa oħra ħlief donazzjoni li Vittoria Lupi ma setgħetx tagħmel dak in-nhar li sar l-att, u anki kieku setgħet *tagħmilu, huwa* null ukoll minħabba d-difett ta' forma, almenu għall-ammont eċċedenti £50;

Infatti ma hemmx kontestazzjoni li meta sar dak l-att Vittoria Lupi kellha aktar *minn* 70 sena (depos. Joseph Pace, fol. 22); u huwa inkapaċi li jagħmel donazzjoni min ikun għalaq is-70 sena, ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti (art. 1838 (f) Kap. 23 L.L. ta' Malta); u ma jidherx li Vittoria Lupi kellha l-awtorizzazzjoni ta' dik il-Qorti biex tagħmel donazzjoni. Però hija, bħala mara armla, u ta' dik l-età, setgħet tagħmel donazzjoni *limitatament* għas-somma ta' £50 (proviso

art. 1838 fuq imsemmi). Għalhekk, f'każ li tirriżulta l-pretensjoni ta' l-atturi, *id-donazzjoni ta' Vittoria Lupi favur il-konvenuti tiswa biss sa £50*; u dan ukoll jekk, u sakemm hu meħtieġ skond il-liġi, fl-att tad-donazzjoni ġiet osservata l-forma li għal hekk trid il-liġi (art. 1847 tal-Kap ċitat);

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi jibbażaw is-simulazzjoni fuq imsemmija fuq il-konsiderazzjoni illi l-kawżali tal-kostituzzjoni tad-debitu ġà ċitata hija falza. Dik il-kawżali hija, fil-kliem stess ta' dak l-att, "għal serviġi kontinwi u ininterrotti, u bosta minnhom anki ta' gravi u serja importanza, speċjalment fil-perijodu tal-gwerra; liema serviġi ġew reżi tant bil-lejl kemm bin-nhar, u kienu jikkonsistu "fil-perijodu twil u ininterrott mill-ewwel ta' Mejju 1936 sal-ġurnata tal-lum" (jum ta' l-att); "u dawk is-serviġi jikkonsistu f'assistenzi, tnaddif, xiri, trasport, tisjir, amministrazzjoni, kuri, u ko-operazzjoni oħra li l-imsemmija miżżewġin Lauri (il-konvenuti) irrendew b'assidwità u kura speċjali lill-imsemmija armla Lupi" (fol. 27);

L-atturi jissottomettu li l-konvenuti ma rrendewx u lanqas setgħu jirrendu s-serviġi ndikati f'dak l-att, u huma jsostnu li Vittoria Lupi għamlet dak l-att favur il-konvenuti bħala donazzjoni, u għamlitu f'din il-forma biex tevadi l-liġi, billi hija ma setgħetx tagħmel donazzjonijiet minħabba ċ-ċirkustanzi fuq imsemmija—ċirkustanzi li hija kienet taf bihom. Infatti hija kienet ippruvat tagħmel largizzjonijiet favur il-konvenuta b'testment, li però ma seħħewx meta ġie magħruf mill-konvenuti, kif ukoll minn Vittoria Lupi, li din ma setgħetx tagħmel largizzjonijiet, la b'testment, billi ġà kellha testment "unica charta" ma' żewġha bid-dekadenza mid-drittijiet tagħha f'każ ta' testment ieħor minnha, u lanqas b'donazzjoni billi kienet ultra-settwaġenarja u ma kellhiex l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-atturi jippretendu li Vittoria Lupi kienet tiġġieled mal-konvenuta u kienet tilmenta minnha...........;

Illi l-konvenuti jsostnu, min-naħa tagħhom, li huma rrendew dawk s-serviġi, u hekk il-kawżali msemmija hija vera. Huma ssottomettew fit-trattazzjoni tal-kawża li l-atturi ma tantx jistgħu jgħidu x'kien isir fid-dar ta' Vittoria Lupi, għa-

liex ftit jew xejn kienu jkunu hemm, u dak li qalu qaluh fuq meri suppożizzjonijiet;

Illi fil-konflitt bejn il-versjonijiet tal-kontendenti, lil dina l-Qorti rriżultawlha dawn il-fatti minn provi estranei :— (1) It-tabib Dr. Caruana jgħid (fol. 125) li huwa kien tabib kuranti............;

Illi dawn il-fatti juru li s-servigi msemmijin fl-iskrittura fuq imsemmija, u li għalihom Vittoria Lupi kkostitwiet ruħha debitriċi favur il-konvenuti, dawn fil-fatt irrendewhomlha, u għalhekk il-kawżali ta' dik l-iskrittura hija vera........... Anzi dawk iċ-ċirkustanzi juru li Vittoria Lupi, qabel ma għamlet dik l-iskrittura, kienet ħasset li kellha b'xi mod tħallas lill-konvenuti għas-servigi li kienu rrendewlha;

Illi għalhekk mill-iskrittura fuq imsemmija ma toħroġ ebda donazzjoni. U wkoll jekk dik l-iskrittura kienet u kellha tiġi kunsidrata bħala li tirrivesti l-karattri ta 'donazzjoni, ġie pruvat li l-konvenuti rrendew serviġi lil Vittoria Lupi, u hekk id-donazzjoni magħmula minnha b'rimunerazzjoni ta' serviġi li għalihom il-konvenuti kellhom azzjoni kontra tagħha, mhijiex ħaġ'oħra ħlief dazzjoni bi ħlas, u mhumiex applikabili għaliha r-regoli partikulari tad-donazzjoni (P.A. 28. 6. 1923, "Grech vs. Muscat", Vol. XXV—II—400);

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi d-domandi attriċi; bl-ispejjeż.